Minuti tal-wieħed għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 03 ta' Frar 2014 fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**Aġenda:-**

1. Ħruġ ta' tender –Manutenzzjoni tad-Dawl fit-Toroq

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.35pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 Ħruġ ta' tender –Manutenzzjoni tad-Dawl fit-Toroq**

1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega l-urġenza dwar din il-laqgħa peress li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qed jitlob li toħroġ tender dwar dan is-servizz u peress li l-President tar-Reġjun is-Sur Jesmond Aquilina kien ukoll qed jistaqsi lill-Kunsill li jifformaw dan ir-Reġjun sabiex toħroġ tender konġunt għal Kunsilli kollha fi ħdan ir-Reġjun.

1.2 Saret diskussjoni estensiva li ħadu sehem fiha dawk kollha preżenti. Waqt din id-diskussjoni Il-Kunsillieri iddiskutew l-vantaġġi u l-iżvantaġġi u l-opportunitajiet u l-problemi li jista jiffaċja l-Kunsill meta ma jkunx qed jitratta direttament mal-kuntrattur li jkun qed jipprovdi s-servizz.

1.3 Wara li l-Kunsill ikkonsidera kollox iddeċieda qabel li l-vantaġġi tal-Kunsill huma li joħroġ tender f'isem il-Kunsill Lokali Il-Gudja u għalhekk ikun liberu li jitratta direttament mal-Kuntrattur magħżul. Dawn jaqbżu ħafna l-aspetti l-oħra li kieku joħroġ tender u jopera s-servizz ta' manutenzzjoni tad-dawl fit-toroq ġewwa l-Gudja flimkien ma' Kunsilli oħra. Il-Kunsill qabel u iddeċieda li jinforma lill-Presidenti tar-Reġjun is-Sur Jesmond Aquilina li l-Kunsill Lokali il-Gudja ma kienx qed jaċċetta l-istedina tar-Reġjun Nofsinhar u kien qed jipproċedi li joħroġ tender dwar dan is-servizz direttament f'isem il-Kunsill Lokali il-Gudja.

**Għeluq tal-laqgħa**

Peress illi l-materja li għalijha ssejħet din il-laqgħa b'urġenza ġiet eżawrita, s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.15pm sine die.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Segretarju Eżekuttiv | John-Mary Calleja<br>Sindku |

Approvati:-